# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

***(Laqgħa B'Urġenza)***

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 66/2023/09

**Data tal-laqgħa:** 10 ta' Ottubru, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fis-19:30hrs.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

### Assenti b'apoloġija *(Skont Ordni Permanenti 14A [3])*

| | |
|---|---|
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 66.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

66.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Ritienne Caruana li ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa fil-familja, liema raġuni kienet aċċetata mill-Kunsill Lokali *nem.con.*

## 66.2 Approvazzjoni – Stqarrijiet Finanzjarji tat-Tielet Kwart tas-Sena 2023

66.2.1 Is-Sindku Terence Agius qal li Accountant & Management Team Ltd., l-*Accountants* tal-Kunsill, kienu ppreparaw l-iStqarrijiet Finanzjarji tat-Tielet Kwart tas-Sena 2023.

66.2.2 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tagħti spjegazzjoni ta' dawn l-iStqarrijiet Finanzjarji lill-Kunsilliera preżenti biex ikunu jistgħu jifhmu aħjar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop.

66.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni ta' dawn l-iStqarrijiet Finanzjarji tat-Tielet Kwart tas-sena 2023 u ressqithom għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

66.2.4 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew dan ir-rapport li juri li l-Kunsill għalaq it-Tielet Kwart b'sitwazzjoni finanzjarja stabbli.

66.2.5 Għaldaqstant, il-Kunsilllier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tielet Kwart tas-sena 2023 jiġu approvati, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 66.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

66.3.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

66.3.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir kif kienet aġġornata f'laqgħa numru 65 jiġifieri nhar il-Ħamis, 9 ta' Novembru, 2023 fl-16:30hrs.

66.3.3 Il-laqgħa ntemmet fit-20:00hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 9 ta' Novembru, 2023

**Mozzjoni Ref:** 335/23/9

**Mozzjoni:**

Biex il-Kunsill japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tielet Kwart tas-Sena 2023.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Terence Agius |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 10 ta' Ottubru, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**